



Brussell, 30 ta' April 2021
(OR. en)

8238/21

Fajl Interistituzzjonal:
2016/0295(COD)

CODEC 610
COMER 36
CONOP 18
CFSP/PESC 430
ECO 50
UD 127
ATO 30
COARM 85

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġeneral tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabilixxi reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija, l-assistenza teknika, it-transitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju (riformulazzjoni) (**I-ewwel qari**)
- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fit-30 ta' Settembru 2016, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 207(2) TFUE.
2. Fil-25 ta' Marzu 2021, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftiehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u, għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill².

¹ 12785/16 + ADD1 sa ADD3.

² 6959/21.

3. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentant Permanent huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:
 - japrova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 54/20, bħala punt "A" flaqgħa li jmiss;
 - jiddeċiedi li d-dikjarazzjoni li tinsab fl-Addendum 1 għal din in-nota tiddaħħal fil-minuti ta' dik il-laqgħa u tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
4. Fl-istess ġin, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanent huwa mistieden jiddeċiedi, fkonformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/454³, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tar-Regolament imsemmi hawn fuq jekk, minħabba ċ-ċirkostanzi marbutin mal-COVID-19, ma ssir l-ebda laqgħa tal-Kunsill qabel it-12 ta' Mejju 2021.
5. Jekk il-Kunsill japrova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ser jiġi adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

³ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/454 tat-12 ta' Marzu 2021 li testendi aktar id-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430, u estiża bid-Deċiżjonijiet (UE) 2020/556, (UE) 2020/702, (UE) 2020/970, (UE) 2020/1253, (UE) 2020/1659 u (UE) 2021/26, fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 89, 16.3.2021, p. 15-16).